# Dawl fuq Kitbiet Awtobijografiċi mill-Pittur Żejtuni Ġużeppi M. Caruana



**Kitba: Dr Sergio Grech PhD (Melit.)**

Qalb il-karti ta' Walter Zahra, filantropu u storiku Żejtuni, sibna żewġ dokumenti awtobijografiċi miktuba mill-pittur Żejtuni Ġużeppi M. Caruana nnifsu. Ġużeppi M. Caruana twieled iż-Żejtun fl-24 ta' Diċembru 1899. Caruana tħarreġ fl-arti taħt Ġużepp Duca u Lazzaro Pisani, u kompla l-istudji tiegħu fl-Accamedia di Belle Arti f'Ruma kif ukoll il-British Accademy li tinsab Ruma wkoll.(1) Ruma studja minn butu.(2) Diffikultajiet f'għajnu x-xellugija waqqfuh milli jkompli jistudja barra minn Malta(3) imma ma kienu qatt xkiel għall-karriera artistika tiegħu li segwiet f'Malta.(4) Kellu stima kbira lejn l-artisti Rinnaximentali.(5) Diversi artisti Maltin b'mod regolari kienu jitilgħu Ruma biex jistudjaw. Fost l-oħrajn biex insemmu ftit Esprit Barthet, Emvin Cremona u l-famuż Carmelo Borg Pisani.

Id-dokumenti ġodda li għandna f'idejna huma miktuba bl-idejn. L-ewwel dokument huwa intitolat Awtobijografija u hu daqs 'notebook' żgħir.(6) Fih Caruana, minbarra li jintraċċa l-bidu tiegħu fil-qasam tal-arti u jitfa' dawl fuq l-istudji li esperjenza, jagħti wkoll lista tax-xogħlijiet artistiċi li hu kien pinġa sa dak iż-żmien li kien qed jikteb.(7) Il-manuskritt m'għandux data u fil-qoxra hemm il-firma tiegħu li hi ċara ħafna.(8)

It-tieni dokument huwa iqsar u magħmul biss minn żewġ karti ta' lewn griżi-ċelesti li qed jitilfu lewnhom.(9) Fuq nett, Caruana żied in-nota: 'Noti minn Ġ.M. Caruana fuqu nnifsu.'(10) Dan id-dokument m'għandux data lanqas. Fih Caruana jespandi iktar fuq ix-xogħol bikri tiegħu bħala student u fuq il-'portraits' tiegħu ta' persunaġġi ewlenin u magħrufin u jżid dettalji li ma nsibuhomx fl-ewwel dokument minkejja li jirreferi għall-'portraits' tiegħu wkoll.(11) Għall-'portraits', hu juża wkoll il-kelma ritratt (il-kelma teknika fil-Malti).

Forsi l-qarrej bla ma jrid isaqsi kif dawn id-dokumenti spiċċaw għand il-familja Zahra. Caruana kien ħu l-mara ta' Walter Zahra, Josephine, u l-aħħar xhur ta' ħajtu Caruana kien qattagħhom magħhom fid-dar tal-pjazza taż-Żejtun minħabba li martu Olimpyia, miż-Żejtun ukoll, kienet marida sew u ma setgħetx tieħu ħsiebu hi.(12) Il-koppja Caruana għexu l-Ħamrun u Raħal Ġdid.(13) Meta miet Caruana, ommu Mananni kienet għada ħajja.(14) Kellha 90 sena.(15)

Il-familjari ta' Trevor Żahra, inkluż Walter, mhux darba jew tnejn servew ta' mudelli għax-xogħol tiegħu.(16) Meta Caruana kien ipinġi xogħlijiet kbar fuq it-tila u dawn riedu jitwaħħlu, Walter kien ikun parti mill-grupp li flimkien mal-pittur kien jieħu ħsieb l-operazzjoni msemmija.(17) Skont Trevor Żahra, missieru Walter kien jgħin lil Caruana meta dan kien jiġi bżonn juża l-ilsien Ingliż.(18) Caruana kien trabba f'kultura Taljana. Biss biss, Walter kien twieled tlettax-il sena wara l-pittur Żejtuni.

Fis-sena 2022, Trevor Żahra ġabar ix-xogħol essenzjali tal-pittur fi ktieb b'fotografija ta' Daniel Cilia.(19) Il-pass li jmiss issa hu li x-xogħol artistiku ta' Caruana jgħaddi mill-filtru akkademiku anki jekk ta' Caruana jaf jidher xogħol tradizzjonali għall-aħħar.

Xogħlijiet ta' Caruana jinsabu mxerrda madwar Malta fil-knejjes parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi, in-Naxxar, il-Munxar, il-Fgura, Ħal Għaxaq u Marsaxlokk, minbarra għadd ta' xogħlijiet f'kollezzjonijiet privati. Għandu wkoll xi xogħlijiet f'Għawdex bħall-knisja parrokkjali ta' San Pawl fil-Munxar. Fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun għandu sottokwadru ta' San Gejtanu minbarra numru ta' ritratti (portraits). Xogħlijiet ta' Caruana fiż-Żejtun insibuhom ukoll għand is-sorijiet ta' Ġesù Nazzarenù.(20) Il-pittur Caruana kien pinġa wkoll lill-fundatriċi Giuseppina Curmi li kienet Żejtunija.(21)



Il-Pittura ta' William Hunt Dog in the Manger

Fost il-persunaġġi famużi li Caruana pinġa nsibu lill-Isqof Emmanuele Galea, li fi żmien it-Tieni Gwerra mar jgħix iż-Żejtun, l-Arċisqof Mawru Caruana, Monsinjur Ġużeppi Depiro u Dun Alfred Gatt. Pinġa wkoll lil ommu u lil missieru. Ġ.M. Caruana għallem l-arti f'diversi skejjel f'Malta kif ukoll f'Għawdex.(22) Waħda mill-iskejjel primarji taż-Żejtun riċentement issemmiet għalih. Caruana għex viċin l-iskola msemmija, fi Triq San Luċjan, id-dar numru 16, u kien jgħallem l-Arti fl-istess skola primarja.(23) Dawn id-dokumenti, li hawn se niffoka fuqhom, jien rajhom grazzi għall-kollettur privat li ġentilment għarrafni bihom u qasamhom miegħi. Bħal drabi oħrajn, Walter kien kollettur tal-efimera u kien joħloq fajls hu stess tal-kartun u ħafna drabi kien iwaħħal il-biċċiet tal-karti li xtaq iżomm għall-posterità f'dawn il-fajls. Dan il-fajl oriġinarjament kien reġistru tar-'Regimental Non-Public Funds Accounts' li Walter użah kif spjegajt. Aktarx dan kien taż-żmien li hu kien jaħdem id-Dockyard fl-amministrazzjoni. F'dan il-fajl partikulari, kien hemm ukoll numru ta' santi tal-ewwel quddiesa ta' qassisin novelli miż-Żejtun u santi tal-mejtin ta' saċerdoti Żwieten flimkien ma' korrispondenza polemikuża li kellu ma' Charles Debono f'The Times dwar is-sena tat-twaqqif tal-Banda Beland.

Ġaladarba dawn id-dokumenti miktuba minn Caruana nstabu fir-residenza ta' Walter Zahra jafu nkitbu fl-aħħar fażi tal-ħajja tal-artist Żejtuni. Fl-ewwel dokument, Ġużeppi Caruana kiteb li hu ħa l-ewwel taħriġ artistiku tiegħu fid-disinn fl-iskola tal-Gvern f'Bormla u ìqabel id-dar waħdi.'(24) Jistqarr li f'daż-żmien, għalkemm ma jikkwalifikahx l-argument, sab ħafna tfixkil imma dak irnexxielu jirbħu u ssokta fit-triq tal-arti.(25) Caruana jżid li kien Duca li skopra ìl-ġenju tiegħi għall-pittura.'(26) Duca ħadem f'diversi knejjes kif ukoll għamel diversi 'portraits' ta' Gvernaturi Ingliżi. Caruana attenda Bormla mit-12 sal-14-il sena.(27)

Caruana jinnota li l-ewwel xogħlijiet artistiċi tiegħu għamilhom meta kellu 14-il sena.(28) Dawn kienu xogħol bil-krejon u ìkienu ritratti kbar tal-awturi tal-mużika li jinsabu fil-każin Beland.'(29) B'kollox kien għamel sitt xogħlijiet minn dawn.(30) Tnejn minnhom juru lil Paolino Vassallo u lil Carlo Diacono.(31) Iż-żewġ kompożituri għandhom rabta intima mal-evoluzzjoni tal-Banda Beland.

Tant huma preċiżi dawn ix-xogħlijiet li faċli taħsibhom ritratt imma mhux il-każ. Tajjeb inżidu li missieru Frenċ kien bandist kif ukoll membru fil-kumitat tal-Banda Beland.(32) Frenċ, kif kien magħruf missieru Francis Xavier, kien magħruf għad-dekorazzjonijiet tas-soqfa bit-tpinġijiet tat-tempra u wisq probabbli Caruana xorob mingħandu wkoll l-imħabba għall-arti.(33) Il-familja Caruana kellhom il-laqmijiet tal-Franċiż jew tal-Barba.(34)

Caruana kompla jispjega li pass importanti għalih seħħ meta ta' 15-il sena, grazzi għall-Barunissa Angolina Attard Montalto, huwa ġie rrakkomandat lil Lazzru Pisani.(35)

Pisani beda jgħallem lil Caruana mingħajr ħlas u beda jagħtih jistudja u jikkopja 'opri ta' awturi klassiċi.'(36) Il-lezzjonijiet kienu jsiru nhar ta' Ħamis.(37) Caruana kien jieħu x-xogħol miegħu lest (ikkupjat) u jurih lil Pisani u, skont hu, dan ma kien isib xejn x'jikkoreġi fihom.(38) Għall-bidu, dawn ir-riproduzzjonijiet kienu jsiru 'black



Ġużeppi Caruana għallem l-Arti fl-iskola primarja taż-Żejtun

and white' u meta kellu 18-il sena, Pisani kien introduċielu l-kulur.(39) Mexa wkoll pass ieħor għax beda jaħdem ma' Pisani bħala artist u beda jagħtih l-kwadri għar-restawr.(40) Lil Lazzru Pisani, Caruana jsejjaħlu s-surmast tiegħu.(41) Caruana jsemmi kif Pisani talbu jaħdem miegħu s-saqaf tal-bażilika tan-Nadur f'Għawdex.(42) Tan-Nadur huwa meqjus bħala xogħol ewlieni fil-bijografija artistika ta' Pisani fejn pinġa waqtiet saljenti mill-ħajjiet tal-qaddisin San Pietru u San Pawl.(43)

Qabel tela' Ruma, Caruana pinġa l-kwadru għall-kappella tad-Domus fiż-Żejtun, żewġ kwadri laterali fil-kor tal-knisja ta' Marsaxlokk,(44) żewġ kwadri oħra għall-istess knisja u erbgħa oħra għamilhom għall-knisja ta' San Filippu Neri fl-Isla.(45) B'li daħħal minn dawn il-kwadri, hu jgħid li tela' bihom jistudja Ruma.(46) Żahra jsemmi li ħuh Mike, li kien jgħix l-Amerika, kien għenu finanzjarjament biex jitla' Ruma u jħallas il-kors.(47) Qabel mar Ruma, Caruana jsemmi li kien għamel ukoll kwadru li juri l-qtugħ ta' ras San Ġwann għas-sur George Dacutrous.(48) Iktar tard, Caruana kien anki pinġa lil Dacutrous kif ukoll lil martu.(49)

Apparti l-istudju f'Ruma, Caruana kiteb li l-Ħdud u l-festi kien iqattagħhom iżur il-galleriji u l-mużewijiet tal-arti.(50) Kien midħla wkoll tal-'ġnien żooloġiku' ta' Ruma fejn, skontu, kien imur biex jistudja l-annimali.(51) Dan il-ġnien imur lura għall-1911 u kien ġie ddisinjat mill-Perit Carl Hagenbeck li kien ħareġ l-annimali mill-gaġeġ.(52) Għal dak iż-żmien, dak kien kunċett ġdid u differenti. Caruana jgħid li b'mod speċjali kien iħobb l-iljun u t-tigri.(53) Fil-fatt ftit wara li ġie Malta minn Ruma kien pinġa kwadru kbir Danjeli fil-fossa tal-iljuni.(54) Caruana kiteb li dan il-kwadru flimkien mal-kwadru tiegħu 'Mater Purissima' kienu dehru fir-rivista Taljana L'Artista Moderno.(55) Din ir-rivista kienet toħroġ bejn l-1901 u l-1943 minn Turin, pubblikazzjoni prestiġjuża ta' Roux e Viarengo.(56) L-interess tagħha kien fil-kontemporanjetà artistika fil-friegħi varji tagħha. L'Artista Moderno kienet toħroġ kull xahrejn u kull numru kien jinbiegħ żewġ liri Taljani.(57)

Caruana jistqarr li kien iħobb ukoll ipinġi l-paesaġġi.(58) F'dan id-dokument, isemmi wkoll xi xogħol artistiku li kellu kkummissjonat barra l-pajjiż. Fi New York, skontu, kellu l-kwadru 'Lions in the Jungle' u erba' kwadri mitoloġiċi.(59) Isemmi li fl-Ingilterra għandu l-kwadri



Is-sotto kwadru San Gejtanu ta' Thiene fil-knisja taż-Żejtun

ìThe Orphan u ras tad-Duluri.'(60) Il-postijiet speċifiċi fejn huma eżattament jew min kien il-propjetarju tagħhom ma jissemmewx. Jgħid li għamel ukoll żewġ kwadri għas-Sur Karm Zerafa b'rabta mal-istejjer Bibbliċi ta' Ġuditta u Salamun meta kien qed jaqta' l-każ taż żewġ ommijiet li bdew jgħidu li l-istess tarbija kienet tagħhom.(61)

Fit-tieni dokument, il-pittur Żejtuni jagħtina eżempji tax-xogħlijiet kopji li hu kien għamel fil-fażi li kien qed jistudja ma' Pisani. Il-lista tinkludi il-pittura ta' Romolo u Remo ta' Rubens li saret fl-1615 u l-1616 u li tinsab f'Ruma, Appio Claudio mressaq quddiem is-Senat ta' Ruma ta' Maccari, is-San Ġilormu tad-Dimechino, u Dog in the Manger ta' Walter Hunt (1861-1941).(62) Inċidentalment il-pittura ta' Hunt inbiegħet is-sena li għaddiet lil kollettur privat għall-kważi sitt elef ewro.(63)

Fit-tieni dokument, Caruana żied ukoll li fl-eżami tal-ammissjoni għar-Regia ta' Ruma hu kien ġie l-ewwel.(64) Semma wkoll li l-Kaptan Serafin Xuereb, it-tieni President tal-Banda Żejtun, kellu sitt kwadri ta' nies prominenti magħmula minnu fosthom ìdak ta' La Vallette li hu kbir daqs il-veru.'(65) Nimmaġina li ried ifisser 'life size' meta sostna hekk.

Fit-tieni dokument, Caruana żied, u forsi din hija l-qalba tad-dokument, li għalkemm hu kien jispeċjalizza fl-arti sagra, ìhuwa itratta tajjeb ir-ritratt, il-pajsaġġ, il-mitoloġija u speċjalment l-annimali.' Insista li l-istil tiegħu huwa ìnaturalista modern.'(66)

Caruana miet fl-14 t'April 1964. Warajh ħalla esebizzjoni sħiħa ta' xogħlijiet artistiċi li ħaqqhom jiġu analizzati akkademikament. Dan apparti l-bżonn ta' bijografija tal-pittur li tgħinna nifhmu l-evoluzzjoni tiegħu kif ukoll interessi oħrajn li kellu bħala politika li jafu swewlu xi kummissjonijiet ukoll.

1. Trevor Żahra, Ġużeppi Maria Caruana 1899-1964 (Malta, L-Awtur, 2022), 8.
2. Sergio Grech, Walter Zahra (1912-2003) (Malta, Wirt iż-Żejtun, 2022), 23.
3. Stephen Galea, (2013), 'Ġużeppi Maria Caruana (1899-1964): Il-pittur tal-Madonna,' Festa 2013, Madonna tal-Karmnu, 145.
4. Ara https://tvmnews.mt/en/news/artist-who-was-blind-in-one-eye-worked-on-a-number-of-churches/. Misjuba 25 ta' April 2025.
5. Trevor Żahra, op.cit., 10.
6. Awtobijografija, p. 1, Kollezzjoni Walter Zahra, Kollettur Privat.
7. Ibid.
8. Ibid.
9. Dokument 'Noti minn .M. Caruana fuq innifsu,' Kollezzjoni Walter Zahra, Kollettur Privat.
10. Ibid.
11. Ibid.
12. Sergio Grech, Walter Zahra (1912-2003) (Malta, Wirt iż-Żejtun, 2022), 28.
13. Trevor Żahra, op.cit., 10.
14. Ibid., 15.
15. Ibid.
16. Sergio Grech, op.cit., 23.
17. Ibid.
18. Ibid., 28.
19. Ara Trevor Żahra, Ġużeppi Maria Caruana 1899-1964 (Malta, L-Awtur, 2022).
20. Ibid., 148.
21. Ibid.
22. Ibid., 9.
23. Sergio Grech, op.cit., 23.
24. Awtobijografija, p. 1, Kollezzjoni Walter Zahra. L-ippanar nħoloq mill-awtur preżenti.
25. Ibid.
26. Ibid.
27. Ibid.
28. Ibid., 2.
29. Ibid., 2.
30. Ibid.
31. Ibid., 7.
32. Stephen Galea, op.cit., 145.
33. Sergio Grech, Walter Zahra (1912-2003) (Malta, Wirt iż-Żejtun, 2022), 23.
34. Ibid.
35. Awtobijografija, p. 2, Kollezzjoni Walter Zahra.
36. Ibid., 3.
37. Ibid.
38. Ibid.
39. Ibid.
40. Ibid.
41. Ibid.
42. Ibid.
43. Joseph Muscat, 'The Monumental Church of Nadur,' The Gozo Observer, June 2012, 31
44. Awtobijografija, p. 2, Kollezzjoni Walter Zahra.
45. Ibid., p. 4.
46. Ibid.
47. Trevor Żahra, op.cit., 8.
48. Awtobijografija, p. 4, Kollezzjoni Walter Zahra.
49. Ibid., 8.
50. Ibid., 5.
51. Ibid.
52. Ara https://www.bioparco.it/en/history-of-the-bioparco-rome-zoological-garden/. Misjuba 28 ta' April 2025.
53. Awtobijografija, p. 2, Kollezzjoni Walter Zahra.
54. Ibid.
55. Ibid.
56. Għalkemm diversi siti online jagħtu dati differenti ta' meta waqqfet għalkemm kollha viċin xulxin.
57. Ara https://www.arthistoryresearch.net/review/lartista-moderno.html. Misjuba 28 taí April 2025.
58. Awtobijografija, p. 8, Kollezzjoni Walter Zahra.
59. Ibid., 9.
60. Ibid.
61. Ibid., 14.
62. Dokument 'Noti minn Ġ.M.' Caruana fuq innifsu, 1.
63. Ara https://www.bonhams.com/auction/18883/lot/124/walter-hunt-british-1861-1941-the-dog-in-the-manger/. Misjuba 28 taí April 2025.
64. Dokument 'Noti minn Ġ.M.' Caruana fuq innifsu, 1.
65. Ibid., 2.
66. Ibid.